**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/50/21/S

Patrick Mifsud
Vs
Blue Sky Group

Illum 30 ta'Novembru,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Patrick Mifsudipprezentata fis-17 ta'Marzu,2021 filwaqt li s-socjeta Blue Sky Group, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret biex tikkontesta t-talba rikorrenti;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz ritratti u sema' lir-rikorrenti Patrick Mifsud;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda sadid li beda' johrog minn diversi postijiet fi kcina u dan fi zmien ta' inqas minn sena mix-xiri tal-istess;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Patrick Mifsud u lanqas deher xi rapprezentant tal-istess socjeta ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Patrick Mifsud li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti xehed u pprezenta diversi ritratti in sostenn ta' dak minnu allegat;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Patrick Mifsud u Jordna lis-socjeta Blue Sky Group thallas lil Patrick Mifsud is-somma ta' €350 kif spjegata fit-talba, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata Blue Sky Group.

Richard Sladden Av.
Arbitru